Q O R T I  T A L - A P P E L L  K R I M I N A L I

Onor. Imhallef Joseph G. Galea Debono BA. ,LL.D.

SEDUTA TAL-HAMIS 21 TA MARZU 2002.

APPELL NRU. 197/2001 JGD

IL-PULIZIJA.

(Spettur Walter Spiteri.)

vs

MARIO CAMILLERI

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u cioe' talli fil-23 ta' Lulju, 2000, ghall-habta tad-9 p.m. ghajjar, hedded u bezaq lil Marisa Camilleri u uza il-forza fuqha u dana quddiem it-tifel minuri taghhom.

Rat is-Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 t'Ottubru, 2001 li biha l-imputat appellant gie liberat mit-tieni w r-raba' akkuza peress li ma gewx pruvati, u sabitu hati tal-ewwel u tat-tielet akkuza u wara li rat l-artikoli 338 (bb) u 339 (1)(d) tal-Kap.9 u l-Art. 9 tal-Kap.152, illiberatu bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar minn dak in-nhar.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant tat-2 ta' Novembru, 2002 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjara lill-appellant mhux hati tal-istess imputazzjonijiet kontrih migjuba u tilliberah minn kull imputazzjoni jew kundanna.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Frar, 2002 li bih il-Prosekutur, Dottor Tonna Lowell, eccepixxa innullita' tal-appell ghax peress li l-appellant kien gie liberat minn zewg imputazzjonijiet u instab hati ta' zewg imputazzjonijiet ohra, immissha intalbet ir-riforma u mhux ir-revoka tas-sentenza appellata.

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza dwar din l-eccezzjoni tan-nullita'.

Illi l-abbli difensuri qed jargumentaw li huma ghamlu l-appell bil-ghaggla ghax ma kellhomx l-opportunita' li jaraw is-sentenza originali u peress illi l-akkuza ma kienetx cara, wiehed seta' jiehu zball u jahseb li kienet akkuza wahda. Inoltre gie argumentat illi "il piu' comprende il-meno" u ghalhekk talba ghar-revoka tinkludi talba ghar-riforma.

Illi il-Prosekuzzjoni issottomettiet li l-argument tad-difiza li ma kienetx taf bl-ezatt ta' x'hix kien akkuzat l-imputat u ta' x'hiex kien instab hati, ma kienx korrett ghaliex mill-istess atti tar-rikors tal-appell u senjatament fit-tieni paragrafu tal-istess, issemma car u tond ta' x'hix l-imputat appellant kien instab hati inoltre hu irrifera ghal-kazistika kostanti dwar dan il-punt u impenja ruhu li jipprezenta nota ta' riferenzi fejn din l-eccezzjoni dejjem giet milqugha.

Rat in-nota tar-riferenzi tal-Avukat Generali minnu prezentata fuq invit tal-istess Qorti fil-25

ta’ Frar, 2002, li turi lista formidabbli ta’ decizjonijiet ta’ din il-Qorti diversament preseduta fejn, f’cirkostanzi identici, din l-eccezzjoni dejjem u invarjabbilment giet milqugha.

Ikkunsidrat,

Illi kif jirrizulta ampjament mill-kazisitika li saret riferenza ghaliha mill-Avukat Generali, meta talba kellha tkun dik ta’ riforma jew varjazzjoni tas-sentenza, izda, minnflok tintalab ir-revoka taghha, dan igib bhala konsegwenza li ma jkunx gie osservat il-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 419 tal-Kodici Kriminali, b’mod ghalhekk li l-istess rikors tal-appell ikun null.

Illi f’dan il-kaz gara proprju li l-appellant kien gie liberat minn zewg imputazzjonijiet u misjub hati ta’ tnejn ohra u ghalhekk ovvjament riedet tintalab ir-riforma u mhux ir-revoka tas-sentenza appellata u dana ma kienx hemm ostakolu ghalih ghax kif jirrizulta mill-istess tieni paragrafu tar-rikors tal-appell, dan kien maghruf ghall-appellant u ghad-difensuri tieghu.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti ma tistax hlief tilqa’ l-eccezzjoni tan-nullita’ tal-appell verbalizzata mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tal-21 ta’ Frar, 2002 u tiddikjara l-appell irritu u null u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

Joseph Galea Debono